Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 44/2012**

tas-17 ta' Jannar 2012

li jiffissa għall-2012 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali

(ĠU L 25, 27.1.2012, p. 55)

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 38, 11.2.2012, p. 51 (44/2012)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 44/2012

tas-17 ta' Jannar 2012

li jiffissa għall-2012 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jipprevedi li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [1] jirrikjedi li jiġu stabbiliti miżuri tal-Unjoni li jirregolaw l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u l-insegwiment sostenibbli ta' attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli u b'mod partikolari r-rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STECF), kif ukoll fid-dawl ta' kwalunkwe parir riċevut mill-Kunsilli Reġjonali Konsultattivi.

(3) Hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-attività tas-sajd jew skont il-grupp ta' attivitajiet tas-sajd, inklużi ċerti kundizzjonijiet li huma marbuta b'mod funzjonali magħhom, kif xieraq. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri b'tali mod li f'kull Stat Membru tiġi żgurata stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd għal kull stokk jew għal kull attività tas-sajd u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

(4) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tar-reviżjoni tal-kwoti għall-capelin disponibbli għall-Unjoni fl-ilmijiet tal-Groenlandja tal-ICES subżoni V u XIV taħt il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Groenlandja, għandhom ikunu konferiti setgħat lill-Kummissjoni.

[1] ĠU L 358, 31.3.2009, p. 59.

▼B

(5) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-limitazzjonijiet tal-qbid għal ċerti stokkijiet ta' speċi b'ħajja qasira, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom ikunu konferiti lill-Kummissjoni fir-rigward tar-reviżjoni tat-TAC fid-dawl tal-informazzjoni xjentifika miġbura fl-ewwel nofs tal-2012. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([1]).

(6) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli b'mod immedjat fir-rigward tar-reviżjoni tat-TAC ta' dawn l-istokkijiet b'ħajja qasira fejn, f'każijiet ġustifikati kif dovut relatati mal-ħtieġa tal-Unjoni li tikkonforma mal-obbligi internazzjonali tagħha, minħabba raġunijiet imperattivi ta' urġenza.

(7) Ċerti TACs jippermettu lil Stat Membru jagħti allokazzjonijiet addizzjonali għal bastimenti li jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd li jkunu ddokumentati bis-sħiħ. L-għan ta' dawn il-provi huwa li jittestjaw sistema ta' qbid skont il-kwota biex jiġu evitati l-iskartar tal-ħut u l-ħela ta' riżorsi tal-ħut marbutin miegħu li mill-bqija kienu jkunu jistgħu jintużaw. L-iskartar tal-ħut mhux ikkontrollat huwa ta' theddida għas-sostenibbiltà fit-tul tal-ħut bħala ġid pubbliku u b'hekk huwa ta' theddida għall-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd. B'kuntrast ma' dan, is-sistemi ta' qbid skont il-kwota minnhom infushom jippreżentaw lis-sajjieda b'inċentiv biex jisfruttaw bl-aħjar mod is-selettività tal-qbid tal-operazzjonijiet tagħhom. Sabiex tintlaħaq ġestjoni razzjonali tal-iskartar tal-ħut, attività tas-sajd iddokumentata bis-sħiħ għandha tkopri kull operazzjoni fuq il-baħar, aktar milli dak li jinħatt l-art fil-port. Il-kundizzjonijiet għall-Istati Membri biex jagħtu allokazzjonijiet addizzjonali bħal dawn għalhekk għandhom jinkludu obbligu li jiżguraw l-użu ta' kameras tat-televixin b'ċirkwit magħluq (CCTV) assoċjati ma' sistema ta' sensers. Dan għandu jippermetti r-reġistrazzjoni fid-dettall tal-partijiet kollha tal-qabdiet, kemm dawk miżmuma, kif ukoll dawk skartati. Sistema bbażata fuq l-osservazzjoni umana li taħdem f'ħin reali abbord il-bastiment tkun anqas effikaċi, tkun tiswa iżjed u tkun anqas affidabbli. Konsegwentement, bħalissa l-użu tas-CCTV huwa prerekwiżit biex jidħlu fis-seħħ skemi ta' tnaqqis tal-iskartar tal-ħut bħall-attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, sakemm ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([2]).

(8) It-TACs għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, billi jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi matul il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, b'mod partikolari fil-laqgħat mal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akkwakultura u mal-Kunsilli Reġjonali Konsultattivi kkonċernati.

([1]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13
([2]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

▼B

(9) Għall-istokkijiet suġġetti għal pjanijiet speċifiċi pluriennali, it-TACs għandhom ikunu stabbiliti skont ir-regoli stipulati f'dawk il-pjanijiet. Għalhekk, it-TACs għall-istokkijiet tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana, tal-barbun tat-tbajja' fil-Baħar tat-Tramuntana, tal-merluzz fil-Kattegat, il-Baħar tat-Tramuntana, is-Skagerrak u l-Kanal tal-Lvant, u tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran għandhom ikunu stabbiliti skont ir-regoli stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 tal-11 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali [multiannwali] għas-sajd li jisfrutta l-ħażniet [l-istokkijiet] tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana ([1]), ir-Regolment tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet ([2]) ("il-Pjan tal-Merluzz"); u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 li jistabbilixxi pjan multi-annwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran ([3]).

(10) Għall-istokkijiet li għalihom m'hemmx biżżejjed data jew m'hemmx data affidabbli biex jiġu pprovduti stimi tad-daqs, il-miżuri ta' ġestjoni u l-livelli tat-TACs għandhom isegwu l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002, filwaqt li jqisu fatturi speċifiċi skont l-istokk, inklużi, b'mod partikolari, l-informazzjoni disponibbli dwar ix-xejriet tal-istokk u l-kunsiderazzjonijiet dwar l-attivitajiet tas-sajd imħallat.

(11) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal ġestjoni minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti ([4]), l-istokkijiet li huma suġġetti għad-diversi miżuri msemmija fih għandhom jiġu identifikati.

(12) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-limiti massimi tal-isforz tas-sajd permessi għall-2012 skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008, l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u l-Artikoli 5 u 9 tar-Regolament (KE) Nru 302/2009, filwaqt li jitqies ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 754/2009 tas-27 ta' Lulju 2009 li jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 ([5]).

(13) Skont il-pariri tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), huwa xieraq li tinżamm u tiġi riveduta sistema għall-ġestjoni taċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-UE tad-diviżjonijiet IIa u IIIa tal-ICES u tas-subżona IV tal-ICES.

(14) Għal ċerti speċijiet, bħal ċerti speċijiet ta' klieb il-baħar, anke attività limitata tas-sajd tista' twassal għal riskju serju għall-konservazzjoni tagħhom. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd għal speċijiet bħal dawn għandhom ikunu ristretti bis-sħiħ permezz ta' projbizzjoni ġenerali tas-sajd għal dawk l-ispeċijiet.

([1]) ĠU L 157, 19.6.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20.
([3]) ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1.
([4]) ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.
([5]) ĠU L 214, 19.8.2009, p. 16.

▼B

(15) Il-ksampu jinqabad, flimkien ma' diversi speċijiet oħra, waqt l-attivitajiet imħallta tas-sajd għall-ħut tal-qiegħ. F'żona fil-Punent tal-Irlanda, magħrufa bħala l-"Porcupine Bank", il-pariri xjentifiċi rrakkomandaw li l-qabdiet ta' din l-ispeċi ma jiżdidux fl-2012. Sabiex ikompli jirkupra l-istokk, huwa xieraq li l-opportunitajiet tas-sajd jibqgħu ristretti, f'ċerta parti ta' dik iż-żona u f'ċerti perijodi, għall-qbid tal-ispeċijiet pelaġiċi li magħhom ma jinqabadx il-ksampu.

(16) Skont il-proċedura prevista fil-ftehimiet jew protokolli dwar relazzjonijiet tas-sajd man-Norveġja ([1]), il-Gżejjer Faeroe ([2]), il-Groenlandja ([3]) u l-Islanda ([4]), l-Unjoni wettqet konsultazzjonijiet dwar drittijiet tas-sajd ma' dawk l-imsieħba. Il-konsultazzjonijiet mal-Gżejjer Faeroe ma ġewx iffinalizzati u l-arranġamenti għall-2012 ma' dak is-sieħeb mistennija li jiġu konklużi fil-bidu tal-2012. Bl-istess mod, il-konsultazzjonijiet mal-Islanda ser ikomplu fl-2012. Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet ta' sajd tal-Unjoni filwaqt li jippermettu għall-flessibbiltà neċessarja għall-konklużjoni ta' dawk l-arranġamenti fl-2012, huwa opportun li l-Unjoni tista-abbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd għal stokkijiet soġġetti għall-ftehimiet mal-Islanda u/jew mal-Gżejjer Faeroe fuq bażi proviżorja.

(17) Skont il-konsultazzjonijiet bejn l-istati kostali dwar il-ġestjoni tal-kavalli, l-istokkafixx, l- aringi Atlanto-Skandiku u l-haddock tal-Baħar tat-Tramuntana, l-Unjoni tista' tawtorizza s-sajd mill-bastimenti tal-UE sa 10 % lil hinn mill-kwota disponibbli għall-Unjoni, sakemm kwalunkwe kwantità maqbuda lil hinn mill-kwota disponibbli għall-Unjoni tkun imnaqqsa mill-kwota tagħha fl-2013. Bl-istess mod, fl-2013 l-Unjoni tista' tuża kwalunkwe kwantità mhux utilizzata sa 10 % tal-kwota disponibbli għaliha fl-2012. Huwa adatt li tali flessibbiltà ssir possibbli fil-ġestjoni ta' dawk l-opportunitajiet tas-sajd għall-Istati Membri kkonċernati, b'mod partikolari billi l-Istati Membri kkonċernati jitħallew jagħżlu li jużaw kwota ta' flessibbiltà.

(18) Is-sajd tal-Unjoni għall-merluzz fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk internazzjonali taż-żoni I u IIB tal-ICES tradizzjonalment kienu jinkludu qabdiet inċidentali tal-haddock. Għalhekk huwa meħtieġ li għal dak is-sajd jiġu stabbiliti limiti ta' qabdiet inċidentali għall-haddock li huma f'konformità ma' livelli storiċi.

([1]) Il-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 48).

([2]) Il-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern (Home Government) tal-Gżejjer Faeroe min-naħa l-oħra (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 12).

([3]) Ftehim ta' Sħubija tas-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern (Home Rule) tal-Groenlandja min-naħa l-oħra (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 4) u l-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju previsti f'dak il-Ftehim (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 9).

([4]) Ftehim dwar is-sajd u l-ambjent tal-baħar bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda (ĠU L 161, 02.07.1993, p. 2).

▼B

(19) L-Unjoni hija parti kontraenti għal diversi organizzazzjonijiet tas-sajd u tipparteċipa f'organizzazzjonijiet oħrajn bħala parti kooperattiva mhux kontraenti. Barra minn hekk, permezz tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003, ftehimiet tas-sajd li kienu konklużi qabel mir-Repubblika tal-Polonja, bħall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' riżorsi tal-Pollakkju fiċ-ċentru tal-Baħar Bering, huma, sa mid-data tal-adeżjoni tal-Polonja, ġestiti mill-Unjoni. Dawk l-organizzazzjonijiet tas-sajd irrakkomandaw l-introduzzjoni ta' għadd ta' miżuri għall-2012, inklużi opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(20) Matul it-33 Laqgħa Annwali tagħha fl-2011, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) adottat għadd ta' opportunitajiet tas-sajd għall-2012 ta' ċerti stokkijiet fis-Subżoni 1-4 taż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd, li jikkonsistu f'ċerti TACs u, fil-każ tal-gamblu mistad fid-Diviżjoni 3M, skema ta' allokazzjoni tal-isforz, għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(21) Fit-82 Laqgħa Annwali tagħha fl-2011, il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) adottat miżuri ta' konservazzjoni għat-tonna safra, it-tonn għajnu kbira u l-palamit. L-IATTC adottat ukoll riżoluzzjoni dwar il-konservazzjoni ta' klieb il-baħar oceanic whitetipDawk il-miżuri għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(22) Fil-Laqgħa Annwali tagħha fl-2011, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku (ICCAT) adottat it-tabelli ta' konformità li jistabbilixxu l-kwoti aġġustati u li jindikaw l-utilizzazzjoni nieqsa u l-utilizzazzjoni żejda tal-opportunitajiet tas-sajd tal-partijiet kontraenti tal-ICCAT. F'dak il-kuntest, l-ICCAT rrikonoxxiet li matul is-sena 2010, l-Unjoni ma sfruttatx għal kollox il-kwota tagħha għall-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar, it-tonn għajnu kbira u l-alonga tat-Tramuntana. Sabiex jiġu rrispettati l-aġġustamenti tal-kwoti tal-Unjoni stabbiliti mill-ICCAT, huwa neċessarju li d-distribuzzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd li jirriżultaw minn din l-utilizzazzjoni nieqsa li għandha ssir fuq il-bażi tal-kontribut rispettiv ta' kull Stat Membru lejn l-utilizzazzjoni nieqsa mingħajr ma jinbidel il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-allokazzjoni annwali tat-TACs. Barra minn hekk, bħala riżultat tal-istess laqgħa annwali, il-pjan ta' bini mill-ġdid għall-marlin blu u għal dak abjad ġie emendat, il-kwota tal-Unjoni għall-marlin blu naqset, il-kwota tal-Unjoni għall-marlin abjad żdiedet bi ftit, u ġiet adottata rakkomandazzjoni dwar il-konservazzjoni tas-silky sharks. Dawk il-miżuri għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(23) Fil-Laqgħa Annwali tagħha tal-2011, il-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC) ma biddlitx il-miżuri tagħha fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd kif inhuma implimentati bħalissa fil-liġi tal-Unjoni. Il-miżuri attwalment applikabbli adottati mill-IOTC għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

▼B

(24) Matul it-Tielet Laqgħa Internazzjonali, li saret f'Mejju 2007, għall-ħolqien ta' Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO) fl-ibħra miftuħa tan-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO), il-parteċipanti adottaw miżuri interim, inklużi opportunitajiet tas-sajd, sabiex jiġu rregolati l-attivitajiet tas-sajd pelaġiku kif ukoll tas-sajd tal-qiegħ f'dik iż-żona sakemm tiġi stabbilita tali RFMO. Dawk il-miżuri interim ġew riveduti fit-tieni Konferenza ta' Tħejjija għall-Kummissjoni SPRFMO li saret f'Jannar 2011 u se jiġu riveduti mill-ġdid fit-tielet Konferenza ta' Tħejjija għall-Kummissjoni SPRFMO li se ssir mit-30 ta' Jannar sat-3 ta' Frar 2012. Dawk il-miżuri interim huma volontarji u mhux legalment vinkolanti skont il-liġi internazzjonali. Madankollu, huwa xieraq li skont l-obbligi tal-kooperazzjoni u l-konservazzjoni stabbiliti fil-Liġi Internazzjonali tal-Baħar, dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni permezz tal-istabbiliment ta' kwota ġenerali għall-Unjoni u allokazzjoni proviżorja fost l-Istati Membri kkonċernati.

(25) Matul il-Laqgħa Annwali tagħha tal-2011, l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk ma biddlitx il-qabdiet totali permessibbli għall-Patagonian toothfish, l-orange roughy, l-alfonsinos u l-granċ aħmar tal-fond li dwarhom kien hemm qbil għall-2011 u l-2012 matul il-Laqgħa Annwali tagħha tal-2010. Il-miżuri attwalment applikabbli adottati mis-SEAFO għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(26) Fid-dawl tal-pariri xjentifiċi l-aktar reċenti mill-ICES u skont l-impenji internazzjonali fil-kuntest tal-Konvenzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC), huwa meħtieġ li l-isforz tas-sajd għal ċerti tipi ta' speċijiet tal-baħar fond ikun limitat.

(27) It-8 Laqgħa Annwali tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) fl-2011 ġiet posposta sal-2012. Madankollu, huwa xieraq li l-miżuri attwalment applikabbli ta' konservazzjoni u ġestjoni jibqgħu fis-seħħ sakemm issir dik il-Laqgħa Annwali.

(28) Fil-Laqgħa Annwali fl-2011, il-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering ċentrali ma mmodifikawx il-miżuri tagħha fir-rigward ta' opportunitajiet tas-sajd. Il-miżuri attwalment applikabbli għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(29) Ċerti miżuri internazzjonali li joħolqu jew jirrestrinġu l-opportunitajiet tas-sajd għall-Unjoni jiġu adottati mill-RFMOs rilevanti fl-aħħar tas-sena u jsiru applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jimplimentaw tali miżuri fil-liġi tal-Unjoni japplikaw b'mod retroattiv. B'mod partikolari, peress li l-istaġun tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR (Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin tal-Antartiku) jirrikorri mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Novembru, u għalhekk ċerti opportunitajiet tas-sajd jew projbizzjonijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR huma stipulati għal perijodu li jibda mill-1 ta' Diċembru 2011, huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament japplikaw minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva se tkun mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi peress li l-membri tas-CCAMLR huma pprojbiti milli jistadu fiż-żona tal-KonvenzjoniCCAMLR mingħajr awtorizzazzjoni.

▼B

(30) Fis-16 ta' Diċembru 2011 l-Unjoni għamlet dikjarazzjoni fil-konfront tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela ("Venezwela") dwar l-għoti tal-opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklużiva (ŻEE) tal-kosta tal-Gujana Franċiża. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għal snappers disponibbli għall-Venezwela fl-ilmijiet tal-UE.

(31) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa suġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 tiegħu dwar ir-reġistrar tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u n-notifika tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu speċifikati l-kodiċijiet li l-Istati Membri għandhom jużaw meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet li huma suġġetti għal dan ir-Regolament.

(32) Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012, ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar il-limiti tal-isforz, li għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2012, u dispożizzjonijiet speċifiċi f'reġjuni partikolari, li għandu jkollhom data speċifika ta' applikazzjoni kif indikat fil-premessa 29. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

(33) L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jintużaw f'konformità sħiħa mal-leġislazzjoni applikabbli tal-Unjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali.

2. L-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:

(a) il-limiti tal-qbid għall-2012;

(b) il-limiti tal-isforz tas-sajd għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2012 sal-31 ta' Jannar 2013;

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

▼B

(c) l-opportunitajiet tas-sajd għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2011 sat-30 ta' Novembru 2012 għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni CCAMLR; u

(d) l-opportunitajiet tas-sajd għall-perijodi stipulati fl-Artikolu 27, għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni IATTC.

3. Dan ir-Regolament jiffissa wkoll opportunitajiet ta' sajd proviżorji għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut li huma s-suġġett ta' konsultazzjonijiet dwar is-sajd ma' pajjiżi terzi. L-opportunitajiet tas-sajd definittivi għandhom jiġu ffissati wara l-konklużjoni ta' dawk il-konsultazzjonijiet skont it-Trattat.

4. Ċerti opportunijiet ta' sajd identifikati fl-Anness I jibqgħu mhux allokati u ma jistgħux jintużaw mill-Istati Membri sakemm ma jiġux stabbiliti opportunijiet ta' sajd definittivi skont il-paragrafu 3.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għal:

(a) il-bastimenti tal-UE; u

(b) il-bastimenti ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-UE.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "bastiment tal-UE" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;

(b) "bastiment ta' pajjiż terz" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż terz u li huwa rreġistrat fih;

(c) "l-ilmijiet tal-UE" tfisser l-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri, ħlief għall-ilmijiet li jmissu mat-territorji u pajjiżi extra-Ewropej elenkati fl-Anness II għat-Trattat;

(d) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser il-kwantità li tista' tinqabad u tinħatt l-art minn kull stokk ta' ħut kull sena;

(e) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC allokat lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;

(f) "ilmijiet internazzjonali" tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni ta' ebda Stat;

(g) "id-daqs tal-malja" tfisser id-daqs tal-malja tax-xbieki tas-sajd kif determinat skont ir-Regolament (KE) Nru 517/2008 ([1]).

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 517/2008 tal-10 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 fir-rigward tad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja u l-assessjar tal-ħxuna ta' l-ispag tax-xbieki tas-sajd (ĠU L 151, 11.6.2008, p. 5).

▼B

Artikolu 4

Żoni tas-sajd

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin:

(a) iż-żoni tal-ICES (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma ż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 218/2009 ([1]);

(b) "Skagerrak" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fil-Punent minn linja miġbuda mill-fanal ta' Hanstholm għall-fanal ta' Lindesnes u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen għall-fanal ta' Tistlarna u minn dan il-punt għall-eqreb punt mal-kosta Svediża;

(c) "Kattegat" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fit-Tramuntana minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen għall-fanal ta' Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt mal-kosta Svediża u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda minn Hasenøre għal Gnibens Spids, minn Korshage għal Spodsbjerg u minn Gilbjerg Hoved għal Kullen;

(d) Iż-żoni tas-CECAF (il-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant) huma ż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 216/2009 ([2]);

(e) iż-żoni tan-NAFO (Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral) huma ż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 217/2009 ([3]);

(f) "Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO (l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk)" hija ż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni tal-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta' Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku ([4]);

(g) "Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT (il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Preservazzjoni tat-Tonn Atlantiku)" hija ż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ([5]);

(h) "Żona ta' Konvenzjoni tas-CCAMLR (Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin tal-Antartiku)" hija ż-żona ġeografika definita fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 ([6]);

([1]) Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiki ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

([2]) Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiki ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42).

([4]) Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/738/KE (ĠU L 234, 31.8.2002, p. 39).

([5]) L-Unjoni aċċediet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi [tal-baħar] ħajjin tal-Antartiku (ĠU L 97, 1.4.2004, p. 16).

▼B

(i) “Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC (il-Konvenzjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali)” hija ż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika ([1]);

(j) “Żona tal-IOTC (il-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan)” hija ż-żona ġeografika definita fil-Ftehim għall-istabbiliment tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan ([2]);

(k) “Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku)” hija ż-żona ġeografika ta' ibħra miftuħa fin-Nofsinhar fi 10° N, fit-Tramuntana taż-żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR, fil-Lvant taż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SIOFA kif definita fil-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan ([3]), u fil-Punent taż-żoni tal-ġuriżdizzjonijiet tas-sajd tal-Istati tal-Amerika t'Isfel;

(l) “Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC (il-Kummissjoni tas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u fil-Paċifiku Ċentrali)” hija ż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fil-Punent tal-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent ([4]);

(m) “ibħra miftuħa tal-Baħar Bering” hija ż-żona ġeografika tal-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering “il barra minn 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom jitkejjel il-wisa” tal-ibħra territorjali tal-Istati kostali tal-Baħar Bering.

TITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAL-UE

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 5

It-TACs u l-allokazzjonijiet

1. It-TACs għall-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet tal-UE jew f’ċerti ilmijiet li mhumiex tal-Unjoni u l-allokazzjoni ta’ TACs bħal dawn fost l-Istati Membri, kif ukoll il-kundizzjonijiet marbuta b’mod funzjonali magħhom, fejn hu xieraq, huma stipulati fl-Anness I.

([1]) Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).
([2]) L-Unjoni aċċediet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24).
([3]) Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KE (ĠU L 268, 9.10.2008, p. 27).
([4]) L-Unjoni aċċediet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1).

▼B

2. Il-bastimenti tal-UE huma awtorizzati li jwettqu qabdiet, fil-limiti tat-TACs stabbiliti fl-Anness I, f'ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tas-sajd tal-Gżejjer Faeroe, il-Groenlandja, l-Islanda u n-Norveġja, u ż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen, suġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament u l-Anness III għalih u fir-Regolament (KE) Nru 1006/2008 ([1]) u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-kwoti għall-capelin disponibbli għall-Unjoni fl-ilmijiet tal-Groenlandja fis-subżoni V u XIV tal-ICES abbażi tat-TAC u l-allokazzjoni tiegħu għall-Unjoni stabbiliti mill-Groenlandja skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll għalih.

4. Fid-dawl tal-informazzjoni xjentifika miġbura waqt l-ewwel nofs tal-2012, it-TACs stipulati fl-Anness I għall-istokkijiet li ġejjin jistgħu jiġu rriveduti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 38(2):

(a) l-istokk taċ-ċiċċirell u l-qabdiet inċidentali assoċjati fl-ilmijiet tal-UE fid-diviżjonijiet IIa u IIIa tal-ICES u fis-subżona IV tal-ICES skont l-Anness IIB għal dan ir-Regolament;

(b) l-istokk tan-Norway pout u l-qabdiet inċidentali assoċjati fis-subżona IIIa tal-ICES u fl-ilmijiet tal-UE tad-diviżjoni IIa tal-ICES u s-subżona IV tal-ICES; u

(c) l-istokk tal-laċċa kaħla u l-qabdiet inċidentali assoċjati fl-ilmijiet tal-UE tad-diviżjoni IIa tal-ICES u s-subżona IV tal-ICES.

5. F'każ ta' raġunijiet imperattivi ta' urġenza ġġustifikati b'mod xieraq li jirrelataw mal-obbligu tal-Unjoni li tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha, il-Kummissjoni għandha tirrevedi t-TACs stipulati fl-Anness I għall-istokkijiet imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni li jiġu applikati b'mod immedjat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 38(3). Dawk l-atti għandhom jibqgħu fis-seħħ għall-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u f'kull każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012.

Artikolu 6

Allokazzjoni addizzjonali għal bastimenti li jipparteċipaw f'sajd dokumentat b'mod sħiħ bi prova

1. Għal ċerti stokkijiet, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ. Dawk l-istokkijiet huma identifikati fl-Anness I. L-allokazzjoni addizzjonali ma għandhiex taqbeż il-limitu ġenerali stipulat fl-Anness I bħala persentaġġ tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33).

▼B

2. L-allokazzjoni addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 tista' tingħata biss bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-bastimenti jużaw kameras tat-televixin b'ċirkwit magħluq (CCTV), assoċjati ma' sistema ta' sensers, biex jirreġistraw l-attivitajiet kollha tas-sajd u tal-ipproċessar abbord il-bastimenti;

(b) l-ammont tal-allokazzjoni addizzjonali mogħti lil bastiment individwali li jipparteċipa fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ ma għandux ikun ta' aktar minn 75 % tal-ħut skartat stmat għat-tip ta' bastiment li jappartjeni għalih u, fi kwalunkwe każ, ma għandux jirrappreżenta aktar minn żieda ta' 30 % fuq l-allokazzjoni bażika tal-bastiment; u

(c) il-qabdiet kollha tal-istokkijiet rilevanti li huma suġġetti għall-allokazzjoni addizzjonali minn dak il-bastiment għandhom jingħaddu għall-allokazzjoni totali tiegħu.

Minkejja l-punt (b) ta' dan il-paragrafu, Stat Membru jista' eċċezzjonalment jagħti lil bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu allokazzjoni addizzjonali li tikkorrispondi għal aktar minn 75 % tal-ħut skartat stmat għat-tip ta' bastiment li għalih jappartjeni l-bastiment, sakemm:

(i) il-ħut skartat stmat għat-tip ta' bastiment hija inqas minn 10 %;

(ii) jista' jintwera li l-inklużjoni ta' dak it-tip ta' bastiment hija importanti biex jiġi vvalutat il-potenzjal tas-sistema tas- CCTV għall-finijiet ta' kontroll; u

(iii) il-limitu ġenerali ta' 75 % tal-ħut skartat stmat ma jiġix eċċedut għall-bastimenti kollha li jipparteċipaw fil-provi.

3. Fejn Stat Membru jinnota li bastiment li jkun qed jipparteċipa fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ jonqos milli jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, huwa għandu jirtira minnufih l-allokazzjoni addizzjonali mogħtija lil dak il-bastiment u jeskludih milli jipparteċipa f'dawk il-provi għall-bqija tal-2012.

4. Qabel ma jagħtu l-allokazzjonijiet addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1, Stat Membru għandu jippreżenta l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) il-lista tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ,

(b) l-ispeċifikazzjonijiet tat-tagħmir għall-monitoraġġ elettroniku mill-bogħod installat abbord dawk il-bastimenti;

(c) il-kapaċità, it-tip u l-ispeċifikazzjoni tal-irkapti użati minn dawk il-bastimenti;

(d) l-istimi tal-iskartar tal-ħut għal kull tip ta' bastiment li jkun qed jipparteċipa fil-provi; u

(e) l-ammont ta' qabdiet tal-istokk suġġett għat-TAC rilevanti li l-bastimenti li qed jipparteċipaw fil-provi kellhom fl-2011.

5. Il-Kummissjoni tista' titlob li l-valutazzjoni tal-ħut skartat stmat għat-tip ta' bastiment imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu (2), tiġi ppreżentata lil korp xjentifiku konsultattiv biex dan janalizzaha. Fin-nuqqas ta' valutazzjoni ta' konferma, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma, bil-miktub, lill-Kummissjoni dwar il-miżuri mittieħda sabiex jiġi żgurat li l-bastimenti rilevanti jikkonformaw mal-kundizzjoni tal-ħut skartat stmat stabbilita fil-paragrafu (2)(b).

▼B

Artikolu 7

Flessibbiltà fil-ġestjoni ta' ċerti stokkijiet

1. Għal ċerti stokkijiet identifikati fl-Anness I, Stat Membru jista' jagħżel li jżid il-kwota inizjali tiegħu stabbilita fl-Anness I b'10 %. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni. Wara tali notifika, il-kwota miżjuda għandha titqies il-kwota allokata lil dak l-Istat Membru.

2. Kwalunkwe kwantità maqbuda fl-2012 taħt tali kwota miżjuda li teċċedi l-kwota inizjali għandha titnaqqas għall-fini tal-ikkalkular tal-kwota tal-Istat Membru kkonċernat għall-istokk rilevanti għall-2013.

3. Kwalunkwe kwantità mhux maqbuda taħt il-kwota inizjali sa 10 % ta' dik il-kwota għandha tiżdied għall-fini tal-ikkalkular tal-kwota tal-Istat Membru kkonċernat għall-istokk rilevanti għall-2013.

Artikolu 8

Kundizzjonijiet għall-ħatt l-art tal-qabdiet u tal-qabdiet inċidentali

Il-ħut mill-istokkijiet li għalihom huma stabbiliti t-TACs għandhom jinżammu abbord jew jinħattu l-art biss:

(a) jekk il-qabdiet ikunu saru minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li għandu kwota għalihom u dik il-kwota ma tkunx ġiet eżawrita; jew

(b) jekk il-qabdiet jikkonsistu f'sehem minn kwota tal-UE li ma ġietx allokata permezz ta' kwota bejn l-Istati Membri, u dik il-kwota tal-UE ma tkunx ġiet eżawrita.

Artikolu 9

Limiti tal-isforz tas-sajd

Mill-1 ta' Frar 2012 sal-31 ta' Jannar 2013, il-miżuri dwar l-isforz tas-sajd stipulati fl-Anness IIA għandhom japplikaw għall-ġestjoni ta' ċerti stokkijiet tal-merluzz, il-barbun tat-tbajja' u l-lingwata fi:

(a) Skagerrak;

(b) dik il-parti tad-diviżjoni IIIa tal-ICES li mhix koperta mis-Skagerrak u l-Kattegat;

(c) is-subżona IV tal-ICES;

(d) l-ilmijiet tal-UE tad-diviżjoni IIa tal-ICES; u

(e) id-diviżjoni VIId tal-ICES.

▼B

Artikolu 10

Limiti tal-qbid u tal-isforz tas-sajd tal-baħar fond

1. L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 2347/2002 ([1]) li jistabbilixxi r-rekwiżit li wieħed ikollu permess tas-sajd fil-baħar fond għandu japplika għall-ħalibatt tal-Groenlandja. Il-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord u l-ħatt l-art tal-ħalibatt tal-Groenlandja għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet imsemmija f'dak l-Artikolu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-2012 il-livelli tal-isforz tas-sajd, imkejla f'jiem kilowatt barra mill-port, minn bastimenti detenturi ta' permessi tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 2347/2002 ma jaqbżux il-65 % tal-medja tal-isforz tas-sajd annwali magħmul mill-bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat fl-2003 fi vjaġġi meta kienu jinżammu l-permessi tas-sajd tal-baħar fond jew inqabdu speċijiet tal-baħar fond, kif elenkati fl-Annessi I u II għal dak ir-Regolament. Dan il-paragrafu għandu japplika biss għal vjaġġi tas-sajd li fihom inqabdu aktar minn 100 kg ta' speċijiet tal-baħar fond, minbarra l-arġentina.

Artikolu 11

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stipulat f'dan ir-Regolament għandha tkun bla preġudizzju għal:

(a) skambji magħmula skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;

(b) ir-riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jew skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008;

(c) il-ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(d) il-kwantitajiet miżmuma skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

(e) it-tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 37, 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

2. Għajr fejn speċifikat mod ieħor fl-Anness I għal dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet li huma suġġetti għal TAC ta' prekawzjoni u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet li huma suġġetti għal TAC analitika.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi ta' aċċess u kundizzjonijiet relattivi għas-sajd ta' ħażniet [stokkijiet] tal-baħar fond (ĠU L 351, 28.12.2002; p. 6).

▼B

Artikolu 12

Staġun magħluq tas-sajd

1. Għandu jkun ipprojbit li jsir sajd għal kwalunkwe speċi minn dawn li ġejjin fil-Porcupine Bank jew li kwalunkwe speċi minnhom tinżamm abbord f'din iż-żona matul il-perijodu mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Lulju 2012: it-tusk, il-linarda u l-ling.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-Porcupine Bank għandu jinkludi ż-żona ġeografika kkonfinata mil-linji li jaqtgħu l-meridjani kollha fl-istess angolu li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

Punt	Latitudni	Lonġitudni
1	52° 27′ N	12° 19′ W
2	52° 40′ N	12° 30′ W
3	52° 47′ N	12° 39,600′ W
4	52° 47′ N	12° 56′ W
5	52° 13,5′ N	13° 53,830′ W
6	51° 22′ N	14° 24′ W
7	51° 22′ N	14° 03′ W
8	52° 10′ N	13° 25′ W
9	52° 32′ N	13° 07,500′ W
10	52° 43′ N	12° 55′ W
11	52° 43′ N	12° 43′ W
12	52° 38,800′ N	12° 37′ W
13	52° 27′ N	12° 23′ W
14	52° 27′ N	12° 19′ W

3. B'deroga mill-paragrafu 1, it-tranżitu mill-Porcupine Bank filwaqt li jkunu qed jinġarru abbord l-ispeċijiet imsemmijin f'dak il-paragrafu għandu jkun permess skont l-Artikolu 50(3), (4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 13

Projbizzjonijiet

1. Il-bastimenti tal-UE għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu għall-ispeċijiet li ġejjin, milli jżommuhom abbord, milli jittrażbordawhom jew milli jħottuhom l-art:

(a) il-gabdoll (*Cetorhinus maximus*) u l-kelb il-baħar l-abjad (*Carcharodon carcharias*) fl-ilmijiet tal-UE u f'dawk li mhumiex tal-UE; u

(b) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet kollha, minbarra fejn hu previst mod ieħor fl-Anness I, Parti B tar-Regolament (UE) Nru 43/2012 ([1]);

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 li jistabbilixxi għall-2012 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet ta' ħut u raggruppamenti ta' stokkijiet ta' ħut li mhumiex soġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali (Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

(c) l-ixkatlu komuni (*Squatina squatina*) fl-ilmijiet tal-UE;

(d) ir-rebekkin skur (*Dipturus batis*) fl-ilmijiet tal-UE tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżoni III, IV, VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES;

(e) l-undulate ray (*Raja undulata*) u l-ħamiema (*Rostroraja alba*) fl-ilmijiet tal-UE tas-subżoni VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES; u

(f) il-guitarfish (*Rhinobatidae*) fl-ilmijiet tal-UE tas-subżoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X u XII tal-ICES.

2. Meta jinqabdu b'mod aċċidentali, l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilhom ħsara. Huma għandhom jiġu rrilaxxati minnufih.

Artikolu 14

Trażmissjoni tad-data

Meta l-Istati Membri jippreżentaw data lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet li jkunu nqabdu skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet mogħtija fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi

Artikolu 15

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE li jistadu f'ilmijiet ta' pajjiż terz huma stipulat fl-Anness III.

2. Meta Stat Membru wieħed jittrasferixxi kwota lil Stat Membru ieħor ("tpartit") fiż-żoni ta' sajd stipulati fl-Anness III, abbażi tal-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, it-trasferiment għandu jinkludi trasferiment xieraq tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni. Madankollu, l-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal kull żona ta' sajd, kif stipulat fl-Anness III, ma għandux jinqabeż.

KAPITOLU III

Opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd

Taqsima 1

Żona tal-Konvenzjoni ICCAT

Artikolu 16

Limitazzjonijiet fuq il-kapaċità tas-sajd, tal-kultivazzjoni u tat-tismin tat-tonn

1. L-għadd ta' dgħajjes tal-UE tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm fil-Lvant tal-Atlantiku għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness IV.

▼B

2. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd kostali artiġjanali tal-UE awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness IV.

3. L-għadd ta' bastimenti tal-UE li jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' kultivazzjoni, awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 3 tal-Anness IV.

4. L-għadd u l-kapaċità totali f'tunnellaġġ gross ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati li jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jew iħottu l-art tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 4 tal-Anness IV.

5. L-għadd ta' nases involuti fis-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 5 tal-Anness IV.

6. Il-kapaċità tal-kultivazzjoni tat-tonn, il-kapaċità tat-tismin u l-input massimu ta' tonn selvaġġ allokat għall-istabbilimenti tal-akkwakultura fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 6 tal-Anness IV.

Artikolu 17

Kondizzjonijiet addizzjonali għall-kwota tat-tonn allokata fl-Anness ID

B'żieda mal-perijodu ta' projbizzjoni previst fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 302/2009, is-sajd bil-purse seine għat-tonn għandu jkun ipprojbit fil-Lvant Atlantiku u fil-Mediterran mill-15 ta' April sal-15 ta' Mejju 2012.

Artikolu 18

Sajd rikreattiv u sportiv

L-Istati Membri għandhom jallokaw, mill-kwoti tagħhom allokati fl-Anness ID, kwota speċifika tat-tonn għas-sajd rikreattiv u sportiv.

Artikolu 19

Klieb il-baħar

1. Għandu jkun ipprojbit iż-żamma abbord, it-trasbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' klieb il-baħar bigeye thresher (*Alopias superciliosus*) minn kwalunkwe attività tas-sajd.

2. Għandu jkun ipprojbit sajd dirett għal speċijiet ta' pixxivolpi tal-ġeneru *Alopias*.

3. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trasbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' kurazzi komuni tal-familja *Sphyrnidae* (ħlief għas-*Sphyrna tiburo*) b'assoċjazzjoni mal-attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni ICCAT.

▼B

4. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trasord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' klieb il-baħar oceanic whitetip (*Carcharhinus longimanus*) maqbuda f'kull attività ta' sajd.

5. Għandha tkun ipprojbita ż-żamma abbord ta' silky sharks (*Carcharhinus falciformis*) maqbuda f'kull attività ta' sajd.

Taqsima 2

Żona tal-Konvenzjoni CCAMLR

Artikolu 20

Projbizzjonijiet u limitazzjonijiet tal-qbid

1. Is-sajd dirett għall-ispeċijiet imsemmija fil-Parti A tal-Anness V, għandu jkun ipprojbit fiż-żoni u matul il-perjodi stipulati hemmhekk.

2. Għas-sajd esploratorju, it-TACs u l-limiti tal-qbid inċidentali stipulati fil-Parti B tal-Anness V għandhom japplikaw fis-subżoni msemmija hemmhekk.

Artikolu 21

Sajd esploratorju

1. Huma biss dawk l-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni CCAMLR li jistgħu jipparteċipaw f'sajd esploratorju bil-onzijiet għad-*Dissostichus* spp. fis-Subżoni tal-FAO 88.1 u 88.2 kif ukoll fid-Diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a barra minn żoni ta' ġurisdizzjoni nazzjonali fl-2012. Jekk tali Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jipparteċipa f'sajd bħal dan, għandu jinnotifika lis-Segretarjat tas-CCAMLR skont l-Artikoli 7 u 7a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2012.

2. Fir-rigward tas-Subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll tad-Diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a, it-TACs u l-limiti tal-qbid inċidentali għal kull subżona u diviżjoni, u d-distribuzzjoni tagħhom f'Unitajiet ta' Riċerka fuq Skala Żgħira (SSRUs) fi ħdan kull waħda minnhom, għandhom ikunu kif stipulat fil-Parti B tal-Anness V. Għandu jieqaf is-sajd f'kull SSRU meta l-qabda rrappurtata tilħaq it-TAC speċifikata u dik l-SSRU għandha tingħalaq għas-sajd għall-bqija tal-istaġun.

3. Is-sajd għandu jseħħ fuq medda ġeografika u batimetrika kbira kemm jista' jkun sabiex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi determinat il-potenzjal tas-sajd u sabiex tiġi evitata l-konċentrazzjoni żejda tal-qbid u tal-isforz tas-sajd. Madankollu, is-sajd fis-Subżoni tal-FAO 88.1 u 88.2 kif ukoll fid-Diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a għandu jkun ipprojbit f'fond ta' inqas minn 550 m.

▼B

Artikolu 22

Sajd għall-krill matul l-istaġun tas-sajd 2012/2013

1. Huma biss dawk l-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni CCAMLR li jistgħu jistadu għall-krill (*Euphausia superba*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni CCAMLR matul l-istaġun tas-sajd 2012/2013. Jekk tali Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jistad għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni CCAMLR, huwa għandu jinnotifika lis-Segretarjat tas-CCAMLR skont l-Artikolu 5a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004, u lill-Kummissjoni, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2012:

(a) bl-intenzjoni tiegħu li jistad għall-krill, bl-użu tal-format stipulat fil-Parti C tal-Anness V;

(b) bl-għamla tal-konfigurazzjoni tax-xibka bl-użu tal-format stipulat fil-Parti D tal-Anness V.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 għal kull bastiment li għandu jiġi awtorizzat mill-Istat Membru biex jipparteċipa fis-sajd għall-krill.

3. Stat Membru li għandu l-intenzjoni jistad għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni CCAMLR għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan fil-każ biss tal-bastimenti awtorizzati li fil-mument tan-notifika jtajru l-bandiera tagħhom jew dawk li jtajru l-bandiera ta' membru ieħor tas-CCAMLR li fiż-żmien meta jsir is-sajd mistennija li jkunu jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jawtorizzaw il-parteċipazzjoni f'sajd għall-krill minn bastimenti barra minn dawk innotifikati lis-Segretarjat tas-CCAMLR skont il-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, jekk bastiment awtorizzat ikun impedit milli jipparteċipa minħabba raġunijiet operattivi leġittimi jew minħabba *force majeure*. F'ċirkostanzi bħal dawk l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw minnufih lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni, u jipprovdu:

(a) dettalji sħaħ tal-bastiment(i) sostitut(i) maħsub(a), inkluża l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004;

(b) rendikont komprensiv tar-raġunijiet li jiġġustifikaw is-sostituzzjoni u kwalunkwe evidenza jew referenza rilevanti ta' sostenn.

5. L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw bastimenti elenkati fi kwalunkwe waħda mil-Listi ta' Bastimenti illegali, mhux rappurtati u mhux regolati (IUU) tas-CCAMLR sabiex jipparteċipaw fis-sajd għall-krill.

Taqsima 3

Żona tal-Konvenzjoni IOTC

Artikolu 23

Limitazzjoni tal-kapaċità tas-sajd ta' bastimenti li jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni IOTC

1. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-UE li jistadu għat-tonn tropikali fiż-żona tal-Konvenzjoni IOTC u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandu jkun kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness VI.

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tal-UE li jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) u l-alonga (*Thunnus alalunga*) fiż-żona tal-Konvenzjoni IOTC, u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandu jkun kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness VI.

▼B

3. L-Istati Membri jistgħu jallokaw mill-ġdid bastimenti assenjati għal wieħed miż-żewġ attivitajiet ta' sajd imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-attività tas-sajd l-oħra, bil-kundizzjoni li jistgħu juru lill-Kummissjoni li din l-bidla ma twassalx għal żieda fl-isforz tas-sajd fuq l-istokkijiet tal-ħut involuti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jkun hemm trasferiment ta' kapaċità propost għall-flotta tagħhom, il-bastimenti li ser jiġu trasferiti jkunu fuq ir-Reġistru ta' Bastimenti tal-IOTC jew fuq ir-reġistru ta' bastimenti ta' organizzazzjonijiet reġjonali oħra għas-sajd tat-tonn. Barra minn hekk, ma jista' jiġi ttrasferit ebda bastiment li jinsab fuq il-lista ta' bastimenti involuti f'attivitajiet ta' sajd IUU (bastimenti IUU) ta' xi organizzazzjoni reġjonali ta' ġestjoni tas-sajd.

5. Sabiex titqies l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' żvilupp ippreżentati lill-IOTC, l-Istati Membri ma jistgħux iżidu l-kapaċità tas-sajd tagħhom lil hinn mil-limiti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ħlief fil-limiti stipulati f'dawk il-pjanijiet.

Artikolu 24

Klieb il-baħar

1. Iż-żamma abbord, it-trasbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' pixxivolpi tal-ispeċijiet kollha tal-familja *Alopiidae* fi kwalunkwe attività ta' sajd għandhom ikunu pprojbiti.

2. Meta jinqabdu b'mod aċċidentali, l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilhom ħsara. Huma għandhom jiġu rrilaxxati minnufih.

Taqsima 4

Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO

Artikolu 25

Sajd pelaġiku - limitazzjoni tal-kapaċità

L-Istati Membri li b'mod attiv eżerċitaw attivitajiet tas-sajd pelaġiku fiż-Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO fl-2007, 2008 jew l-2009 għandhom jillimitaw il-livell totali ta' tunnellaġġ gross ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi fl-2012 għal-livelli ta' total ta' 78 610 tunnellaġġ gross f'dik iż-żona b'mod li jiġi żgurat l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi pelaġiċi tas-sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku.

Artikolu 26

Sajd pelaġiku – TACs

1. Huma biss dawk l-Istati Membri li b'mod attiv eżerċitaw attivitajiet tas-sajd pelaġiku fiż-Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO fl-2007, 2008 jew 2009, kif speċifikat fl-Artikolu 25, li jistgħu jistadu għal stokkijiet pelaġiċi f'dik iż-żona skont it-TACs stipulati fl-Anness IJ.

2. L-Istati Membri għandhom fuq bażi ta' kull xahar jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-karatteristiċi, inkluż it-tunnellaġġ gross, tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom impenjati fis-sajd imsemmi f'dan l-Artikolu.

▼B

3. Għall-fini tal-monitoraġġ tas-sajd imsemmi f'dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, sabiex tikkomunikawhom lis-Segretarjat Interim tal-SPRFMO, rekords mis-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS), rapporti ta' kull xahar dwar il-qbid u, fejn disponibbli, id-daħliet fil-portijiet mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tax-xahar ta' wara.

Artikolu 27

Sajd fil-qiegħ

L-Istati Membri b'rekords fil-passat ta' sforz jew qbid f'attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ fiż-Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006 għandhom jillimitaw l-isforz jew il-qbid tagħhom għal:

(a) il-livell medju ta' qbid jew tal-parametri tal-isforz matul dak il-perjodu; u

(b) dawk il-partijiet biss taż-Żona tal-Konvenzjoni SPRFMO fejn seħħew attivitajiet ta' sajd fil-qiegħ fi kwalunkwe staġun tas-sajd preċedenti.

Taqsima 5

Żona tal-Konvenzjoni IATTC

Artikolu 28

Sajd bil-purse-seine

1. Is-sajd minn bastimenti bil-purse seine għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), it-tonn għajnu kbira (*Thunnus obesus*) u l-palamit (*Katsuwonus pelamis*) għandu jkun ipprojbit:

(a) mid-29 ta' Lulju sat-28 ta' Settembru 2012 jew mit-18 ta' Novembru 2012 sat-18 ta' Jannar 2013 fiż-żona ddefinita bil-limiti li ġejjin:

— il-linji tal-kosta tal-Paċifiku tal-Ameriki,

— il-lonġitudni 150° W,

— il-latitudni 40° N,

— il-latitudni 40° S.

(b) mid-29 ta' Settembru sad-29 ta' Ottubru 2012 fiż-żona ddefinita bil-limiti li ġejjin:

— il-lonġitudni 96° W,

— il-lonġitudni 110° W,

— il-latitudni 4° N,

— il-latitudni 3° S.

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-perjodu ta' għeluq magħżul imsemmi fil-paragrafu 1 qabel l-1 ta' April 2012. Il-bastimenti bil-purse seine kollha tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jieqfu mis-sajd bil-purse seine fiż-żoni ddefiniti fil-paragrafu 1 tul il-perijodu magħżul.

▼B

3. Il-bastimenti tas- bil-purse-seine li jistadu għat-tonn fiż-Żona ta' Konvenzjoni IATTC għandhom iżommu abbord u wara jħottu l-art jew jittrażbordaw it-tonna safra, it-tonn għajnu kbira u l-palamit kollu maqbud.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika għall-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-ħut ma jitqiesx tajjeb għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet li mhumiex ta' daqs; jew

(b) matul l-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, meta jista' ma jkunx baqa' spazju biżżejjed fejn jitqiegħed it-tonn kollu maqbud f'dik it-tefgħa.

5. Għandu jkun ipprojbit is-sajd għall-klieb il-baħar oceanic whitetip (*Carharhinus longimanus*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni IATTC, u ż-żamma abbord, it-trasbord, il-ħżin, l-offerta għall-bejgħ, il-bejgħ jew il-ħatt l-art ta' parti minn karkassa jew il-karkassa kollha tal-klieb il-baħar oceanic whitetip f'dik iż-żona.

6. Meta tinqabad b'mod aċċidentali, l-ispeċi msemmija fil-paragrafu 5 ma għandhiex issirilha ħsara. Hija għandha tiġi rrilaxxata minnufih mill-operaturi tal-bastiment, li għandhom ukoll:

(a) jirreġistraw l-għadd ta' rilaxxi b'indikazzjoni tal-istatus tal-ħuta (mejta jew ħajja);

(b) jirrappurtaw l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu (a) lill-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu. L-Istati Membri għandhom jibagħtu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2013.

Taqsima 6

Żona tal-Konvenzjoni SEAFO

Artikolu 29

Projbizzjoni tas-sajd għall-klieb il-baħar tal-baħar fond

Is-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni SEAFO immirat għall-klieb il-baħar tal-fond li ġejjin għandu jkun ipprojbit:

— rebekkini (*Rajidae*),

— mazzola griża (*Squalus acanthias*),

— blurred smooth lanternshark (*Etmopterus bigelowi*),

— shorttail lanternshark (*Etmopterus brachyurus*),

— mazzola kbira tal-fanal (great lanternshark) (*Etmopterus princeps*),

— mazzola tal-fanal (smooth lanternshark) (*Etmopterus pusillus*),

— ghost catshark (*Apristurus manis*),

— velvet dogfish (*Scymnodon squamulosus*),

— u klieb il-baħar tal-baħar fond tas-superordni *Selachimorpha*.

▼B

Taqsima 7

Żona tal-Konvenzjoni WCPFC

Artikolu 30

Il-limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd tal-Istati Membri għat-tonn għajnu kbira, it-tonna safra, il-palamit u l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku

għandhom jiżguraw li l-isforz totali tas-sajd għat-tonn għajnu kbira (*Thunnus obesus*), it-tonna safra (*Thunnus albacares*), il-palamit (*Katsuwonus pelamis*) u l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku (*Thunnus alalunga*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni WCPFC ikun limitat għall-isforz tas-sajd previst fil-ftehimiet ta' sħubija tas-sajd bejn l-Unjoni u l-Istati kostali f'dak ir-reġjun.

Artikolu 31

Żona magħluqa għas-sajd FAD

1. Fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S, l-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd bil-purse-seine li jużaw l-apparat ta' aggregazzjoni tal-ħut (FADs) għandhom ikunu pprojbiti bejn il-ħinijiet ta' 00:00 tal-1 ta' Lulju 2012 u 24:00 tat-30 ta' Settembru 2012. Matul dan il-perijodu, bastiment tas-sajd bil-purse seine ma jistax ikun involut f'operazzjonijiet tas-sajd f'dik il-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni WCPFC ħlief jekk ikollu abbord osservatur sabiex jissorvelja li l-bastiment f'ebda ħin ma:

(a) juża jew iħaddem FAD jew apparat elettroniku assoċjat;

(b) jistad fuq ġlejjeb ta' ħut b'assoċjazzjoni mal-FADs.

2. Il-bastimenti tas-sajd bil-purse seine kollha li jistadu fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni WCPFC imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom iżommu abbord u jħottu l-art jew jittrażbordaw it-tonna safra, it-tonn għajnu kbira u l-palamit maqbud kollu.

3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għall-każijiet li ġejjin:

(a) fl-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, jekk il-bastiment ma jkollux spazju biżżejjed sabiex joqgħod il-ħut kollu;

(b) meta l-ħut ma jkunx tajjeb għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet li mhumiex ta' daqs; jew

(c) meta sseħħ ħsara serja fl-apparat tal-friża.

Artikolu 32

Żoni magħluqa għas-sajd bil-purse seine

Is-sajd minn bastimenti bil-purse seine għat-tonn għajnu kbira u għat-tonna safra għandu jkunu ipprojbit fiż-żoni tal-ibħra miftuħa li ġejjin:

(a) l-ilmijiet internazzjonali mdawra mill-konfini taż-ŻEE tal-Indoneżja, il-Palaw, il-Mikroneżja u l-Papwa Ginea Ġdida;

▼B

(b) l-ilmijiet internazzjonali mdawra mill-konfini taż-ŻEE tal-Mikroneżja, il-Gżejjer Marshall, Nauru, Kiribati, Tuvalu, Fiġi, il-Gżejjer Solomon u l-Papwa Ginea Ġdida;

Artikolu 33

Limitazzjonijiet fl-għadd ta' bastimenti tal-UE awtorizzati biex jistadu għall-pixxispad

L-għadd massimu ta' bastimenti tal-UE awtorizzati sabiex jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20° S taż-Żona tal-Konvenzjoni WCPFC għandu jkun kif indikat fl-Anness VII.

Taqsima 8

Il-Baħar Bering

Artikolu 34

Projbizzjoni fuq is-sajd fl-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering

Is-sajd għall-pollakkju (*Theragra chalcogramma*) fl-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering għandu jkun ipprojbit.

TITOLU III

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TA' PAJJIŻI TERZI FL-ILMIJIET TAL-UE

Artikolu 35

TACs

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja u l-bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-Gżejjer Faeroe għandhom ikunu awtorizzati li jwettqu qabdiet fl-ilmijiet tal-UE, fil-limiti tat-TACs stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament u suġġett għall-kundizzjonijiet previsti f'dan it-Titolu u fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.

Artikolu 36

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tal-UE huwa stipulat fl-Anness VIII.

2. Ħut minn stokkijiet li għalihom hemm TACs stabbiliti ma għandux jinżamm abbord jew jinħatt l-art ħlief jekk il-qabdiet ikunu ttieħdu minn bastimenti ta' pajjiż terz li għandu kwota u dik il-kwota ma tkunx eżawrita.

Artikolu 37

Projbizzjonijiet

1. Il-bastimenti ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu għall-ispeċijiet li ġejjin, milli jżommuhom abbord, milli jittrażbordawhom jew milli jħottuhom l-art:

(a) il-gabdoll (*Cetorhinus maximus*) u l-kelb il-baħar l-abjad (*Carcharodon carcharias*) fl-ilmijiet kollha tal-UE;

▼B

(b) l-ixkatlu komuni (*Squatina squatina*) fl-ilmijiet kollha tal-UE;

(c) ir-rebekkin skur (*Dipturus batis*) fl-ilmijiet tal-UE tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżoni III, IV, VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES;

(d) l-undulate ray (*Raja undulata*) u l-ħamiema (*Rostroraja alba*) fl-ilmijiet tal-UE tas-subżoni VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES;

(e) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet kollha tal-UE; u

(f) il-guitarfish (*Rhinobatidae*) fl-ilmijiet tal-UE tas-subżoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X u XII tal-ICES.

2. Meta jinqabdu b'mod aċċidentali, l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilhom ħsara. Huma għandhom jiġu rrilaxxati minnufih.

TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 38

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat għas-sajd u l-akkwakultura stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 2371/2002. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu jkun applikabbli l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Artikolu 39

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2012.

Madankollu, l-Artikolu 9 għandu japplika mill-1 ta' Frar 2012.

L-opportunitajiet tas-sajd jew il-projbizzjonijiet għaż-Żona tal-Konvenzjoni CCAMLR stipulati fl-Artikoli 20, 21 u 22 u l-Annessi IE u V għandhom japplikaw b'effett mill-bidu tal-perijodi rispettivi ta' applikazzjoni speċifikati għal dawk l-opportunitajiet tas-sajd jew projbizzjonijiet.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

LISTA TAL-ANNESSI

ANNESS I:	It-TACs applikabbli għall-bastimenti tal-UE f'żoni fejn it-TACs jeżistu skont l-ispeċi u ż-żona
ANNESS IA:	Is-Skagerrak, il-Kattegat, is-Subżoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV tal-ICES, l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF
ANNESS IB:	Il-Grigal tal-Atlantiku u l-Groenlandja, is-subżoni I, II, V, XII u XIV tal-ICES u l-ilmijiet tal-Groenlandja tan-NAFO 0 u 1
ANNESS IC:	Il-Majjistral tal-Atlantiku – iż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO
ANNESS ID:	Ħut b'tendenza kbira li jpassi – iż-żoni kollha
ANNESS IE:	L-Antartiku – iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR
ANNESS IF:	Ix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku – iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO.
ANNESS IG:	It-tonn tan-Nofsinhar – iż-żoni kollha
ANNESS IH:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-WCPFC
ANNESS IJ:	Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO
ANNESS IIA:	L-isforzi tas-sajd għall-bastimenti fil-kuntest tal-ġestjoni ta' ċerti stokkijiet ta' merluzz, barbun tat-tbajja' u lingwata fis-Skagerrak, dik il-parti tad-diviżjoni IIIa tal-ICES mhix koperta mis-Skagerrak u l-Kattegat, is-subżona IV tal-ICES, l-ilmijiet tal-UE tad-diviżjoni IIa tal-ICES u d-diviżjoni VIId tal-ICES
ANNESS IIB:	L-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet IIa, IIIa tal-ICES u s-subżona IV tal-ICES
ANNES III:	L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE li jistadu f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi
ANNESS IV:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT
ANNESS V:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-CCAMLR
ANNESS VI:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC
ANNESS VII:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-WCPFC
ANNESS VIII:	Il-limiti kwantitattivi tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tal-UE

▼B

ANNESS I

IT-TACs APPLIKABBLI GĦALL-BASTIMENTI TAL-UE F'ŻONI FEJN IT-TACs JEŻISTU SKONT L-ISPEĊI U SKONT IŻ-ŻONA

It-tabelli fl-Annessi IA, IB, IC, ID, IE, IF, IG, IH u IJ jistipulaw it-TACs u l-kwoti (f'tunnellati ta' piż ħaj, għajr fejn ikun speċifikat mod ieħor) skont l-istokk, u l-kondizzjonijiet marbuta b'mod funzjonali magħhom, fejn dan ikun xieraq. L-opportunitajiet tas-sajd kollha stipulati f'dan l-Anness għandhom ikunu suġġetti għar-regoli stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u b'mod parti-kolari għall-Artikoli 33 u 34 tiegħu.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għaż-żoni tal-ICES, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. F'kull żona, l-istokkijiet tal-ħut huma msemmija fl-ordni alfabetika li ġejja tal-ismijiet tal-ispeċijiet bil-Latin. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja ta' ismijiet bil-Latin u ismijiet komuni:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Amblyraja radiata	RJR	Raja tal-kwiekeb
Ammodytes spp.	SAN	Ċiċċirell
Argentina silus	ARU	Arġentina (silus)
Beryx spp.	ALF	Alfonsinos
Brosme brosme	USK	Tusk
Caproidae	BOR	Minfaħ
Centrophorus squamosus	GUQ	Leafscale gulper shark
Centroscymnus coelolepis	CYO	Mazzola Portugiża
Chaceon maritae	CGE	Granċ aħmar tal-fond
Champsocephalus gunnari	ANI	Ħuta tas-silġ tal-Antartiku
Chionoecetes spp.	PCR	Snow crab
Clupea harengus	HER	Aringa
Coryphaenoides rupestris	RNG	Roundnose grenadier
Dalatias licha	SCK	Murruna sewda
Deania calcea	DCA	Mazzola (munqar l-għasfur)
Dipturus batis	RJB	Rebekkin skur
Dissostichus eleginoides	TOP	Patagonian toothfish
Dissostichus mawsoni	TOA	Antartic toothfish
Engraulis encrasicolus	ANE	Inċova
Etmopterus princeps	ETR	Mazzola kbira tal-fanal
Etmopterus pusillus	ETP	Mazzola tal-fanal (smooth)
Euphausia superba	KRI	Krill
Gadus morhua	COD	Merluzz
Galeorhinus galeus	GAG	Kelb il-baħar
Glyptocephalus cynoglossus	WIT	Witch flounder

▼B

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Hippoglossoides platessoides	PLA	Barbun tat-tbajja' Amerikan
Hippoglossus hippoglossus	HAL	Ħalibatt tal-Atlantiku
Hoplostethus atlanticus	ORY	Orange roughy
Illex illecebrosus	SQI	Klamar tal-pinen qosra
Lamna nasus	POR	Pixxiplamtu
Lepidonotothen squamifrons	NOS	Grey rockcod
Lepidorhombus spp.	LEZ	Megrims
Leucoraja circularis	RJI	Sandy ray
Leucoraja fullonica	RJF	Raja petruża
Leucoraja naevus	RJN	Cuckoo ray
Limanda ferruginea	YEL	Barbun denbu isfar
Limanda limanda	DAB	Dab
Lophiidae	ANF	Petriċa
Macrourus spp.	GRV	Grenadieri
Makaira nigricans	BUM	Marlin blu
Mallotus villosus	CAP	Capelin
Martialia hyadesi	SQS	Klamar
Melanogrammus aeglefinus	HAD	Haddock
Merlangius merlangus	WHG	Merlangu
Merluccius merluccius	HKE	Marlozz
Micromesistius poutassou	WHB	Stokkafixx
Microstomus kitt	LEM	Lemon sole
Molva dypterygia	BLI	Linarda
Molva molva	LIN	Ling
Nephrops norvegicus	NEP	Ksampu
Pandalus borealis	PRA	Gamblu tat-Tramuntana
Paralomis spp.	PAI	Granċijiet
Penaeus spp.	PEN	Gambli "Penaeus"
Platichthys flesus	FLE	Barbun
Pleuronectes platessa	PLE	Barbun tat-tbajja'
Pleuronectiformes	FLX	Ħuta ċatta
Pollachius pollachius	POL	Pollakkju
Pollachius virens	POK	Pollakkju (saithe)

▼B

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Psetta maxima	TUR	Barbun imperjali
Raja brachyura	RJH	Raja batra
Raja clavata	RJC	Raja tal-fosos
Raja (Dipturus) nidarosiensis	JAD	Norwegian skate
Raja microocellata	RJE	Small-eyed ray
Raja montagui	RJM	Spotted ray
Raja undulata	RJU	Undulate ray
Rajiformes	SRX	Rebekkini u raj
Reinhardtius hippoglossoides	GHL	Ħalibatt tal-Groenlandja
Rostroraja alba	RJA	Ħamiema
Scomber scombrus	MAC	Kavalli
Scophthalmus rhombus	BLL	Barbun lixx
Sebastes spp.	RED	Redfish
Solea solea	SOL	Lingwata komuni
Solea spp.	SOO	Lingwata
Sprattus sprattus	SPR	Laċċa kaħla
Squalus acanthias	DGS	Mazzola griża
Tetrapturus albidus	WHM	Marlin abjad
Thunnus maccoyii	SBF	Tonn tan-Nofsinhar
Thunnus obesus	BET	Tonn għajnu kbira
Thunnus thynnus	BFT	Tonn
Trachurus spp.	JAX	Sawrell
Trisopterus esmarkii	NOP	Norway pout
Urophycis tenuis	HKW	Marlozz abjad
Xiphias gladius	SWO	Pixxispad

It-tabella komparattiva li ġejja ta' ismijiet bil-Latin qed tiġi pprovduta biss għal raġunijiet ta' spjegazzjoni:

Alfonsinos	ALF	*Beryx* spp.
Antartic toothfish	TOA	*Dissostichus mawsoni*
Arġentina (silus)	ARU	*Argentina silus*
Aringa	HER	*Clupea harengus*
Barbun	FLE	*Platichthys flesus*
Barbun denbu isfar	YEL	*Limanda ferruginea*

▼B

Barbun imperjali	TUR	*Psetta maxima*
Barbun lixx	BLL	*Scophthalmus rhombus*
Barbun tat-tbajja’	PLE	*Pleuronectes platessa*
Barbun tat-tbajja’ Amerikan	PLA	*Hippoglossoides platessoides*
Capelin	CAP	*Mallotus villosus*
Ċiċċirell	SAN	*Ammodytes* spp.
Cuckoo ray	RJN	*Leucoraja naevus*
Dab	DAB	*Limanda limanda*
Gambli “Penaeus”	PEN	*Penaeus* spp.
Gamblu tat-Tramuntana	PRA	*Pandalus borealis*
Granċ aħmar tal-fond	CGE	*Chaceon maritae*
Granċijiet	PAI	*Paralomis* spp.
Grenadieri	GRV	*Macrourus* spp.
Grey rockcod	NOS	*Lepidonotothen squamifrons*
Haddock	HAD	*Melanogrammus aeglefinus*
Ħalibatt tal-Atlantiku	HAL	*Hippoglossus hippoglossus*
Ħalibatt tal-Groenlandja	GHL	*Reinhardtius hippoglossoides*
Ħamiema	RJA	*Rostroraja alba*
Ħuta ċatta	FLX	*Pleuronectiformes*
Ħuta tas-silġ tal-Antartiku	ANI	*Champsocephalus gunnari*
Inċova	ANE	*Engraulis encrasicolus*
Kavalli	MAC	*Scomber scombrus*
Kelb il-baħar	GAG	*Galeorhinus galeus*
Klamar	SQS	*Martialia hyadesi*
Klamar tal-pinen qosra	SQI	*Illex illecebrosus*
Krill	KRI	*Euphausia superba*
Ksampu	NEP	*Nephrops norvegicus*
Laċċa kaħla	SPR	*Sprattus sprattus*
Leafscale gulper shark	GUQ	*Centrophorus squamosus*
Lemon sole	LEM	*Microstomus kitt*
Linarda	BLI	*Molva dypterygia*
Ling	LIN	*Molva molva*
Lingwata	SOO	*Solea* spp.
Lingwata komuni	SOL	*Solea solea*
Marlin abjad	WHM	*Tetrapturus albidus*

▼B

Marlin blu	BUM	*Makaira nigricans*
Marlozz	HKE	*Merluccius merluccius*
Marlozz abjad	HKW	*Urophycis tenuis*
Mazzola (munqar l-għasfur)	DCA	*Deania calcea*
Mazzola griża	DGS	*Squalus acanthias*
Mazzola kbira tal-fanal	ETR	*Etmopterus princeps*
Mazzola Portugiża	CYO	*Centroscymnus coelolepis*
Mazzola tal-fanal (smooth)	ETP	*Etmopterus pusillus*
Megrims	LEZ	*Lepidorhombus* spp.
Merlangu	WHG	*Merlangius merlangus*
Merluzz	COD	*Gadus morhua*
Minfaħ	BOR	*Caproidae*
Murruna sewda	SCK	*Dalatias licha*
Norway pout	NOP	*Trisopterus esmarkii*
Norwegian skate	JAD	*Raja (Dipturus) nidarosiensis*
Orange roughy	ORY	*Hoplostethus atlanticus*
Patagonian toothfish	TOP	*Dissostichus eleginoides*
Petriċa	ANF	*Lophiidae*
Pixxiplamtu	POR	*Lamna nasus*
Pixxispad	SWO	*Xiphias gladius*
Pollakkju	POL	*Pollachius pollachius*
Pollakkju (saithe)	POK	*Pollachius virens*
Raja batra	RJH	*Raja brachyura*
Raja petruża	RJF	*Leucoraja fullonica*
Raja tal-fosos	RJC	*Raja clavata*
Raja tal-kwiekeb	RJR	*Amblyraja radiata*
Rebekkin skur	RJB	*Dipturus batis*
Rebekkini u raj	SRX	*Rajiformes*
Redfish	RED	*Sebastes* spp.
Roundnose grenadier	RNG	*Coryphaenoides rupestris*
Sandy ray	RJI	*Leucoraja circularis*
Sawrell	JAX	*Trachurus* spp.
Small-eyed ray	RJE	*Raja microocellata*
Snow crab	PCR	*Chionoecetes* spp.
Spotted ray	RJM	*Raja montagui*

▼B

Stokkafixx	WHB	*Micromesistius poutassou*
Tonn	BFT	*Thunnus thynnus*
Tonn għajnu kbira	BET	*Thunnus obesus*
Tonn tan-Nofsinhar	SBF	*Thunnus maccoyii*
Tusk	USK	*Brosme brosme*
Undulate ray	RJU	*Raja undulata*
Witch flounder	WIT	*Glyptocephalus cynoglossus*

▼B

ANNESS IA

Is-Skagerrak, il-Kattegat, is-Subżoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV TAL-ICES, l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF

Speċi: Ċiċċirell *Ammodytes* spp.		**Żona:** L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (SAN/04-N.)
Id-Danimarka	0	
Ir-Renju Unit	0	
L-Unjoni	0	
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

Speċi: Ċiċċirell u qabdiet inċidentali assoċjati *Ammodytes* spp.		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIa u IV ([1]) (SAN/2A3A4.)
Id-Danimarka	167 436 ([2]) ([3])	
Ir-Renju Unit	3 660 ([2]) ([3])	
Il-Ġermanja	256 ([2]) ([3])	
L-Isvezja	6 148 ([2]) ([3])	
Mhux allokat	2 500 ([4])	
L-Unjoni	180 000 ([3])	
In-Norveġja	20 000	
TAC	200 000	TAC analitika

([1]) Eskluži ilmijiet sa sitt mili nawtiċi mil-linji bażi tar-Renju Unit f'Shetland, Fair Isle u Foula.
([2]) Tal-inqas 98 % tal-ħatt l-art li jingħadd mat-TAC irid ikun ċiċċirell. Qabdiet inċidentali ta' dab, kavalli u merlangu jridu jingħaddu bħala parti mit-2 % tat-TAC li tifdal.
([3]) Kwota proviżorja skont l-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament.
([4]) mhux allokata f'konformità mal-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament.

Kondizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell li ġejjin, kif iddefiniti fl-Anness IIB:

Żona: L-ilmijiet tal-UE taż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell ([1])							
	1	2	3	4	5	6	7
	(SAN/*234_1)	(SAN/*234_2)	(SAN/*234_3)	(SAN/*234_4)	(SAN/*234_5)	(SAN/*234_6)	(SAN/*234_7)
Id-Danimarka	167 436	0	0	0	0	0	0
Ir-Renju Unit	3 660	0	0	0	0	0	0
Il-Ġermanja	256	0	0	0	0	0	0
L-Isvezja	6 148	0	0	0	0	0	0
L-Unjoni	177 500	0	0	0	0	0	0
In-Norveġja	20 000	0	0	0	0	0	0
L-Ammont Totali	197 500	0	0	0	0	0	0

([1]) Jista' jiġi rivedut skont l-Artikolu 5(4) ta' dan ir-Regolament.

▼B

Speċi: Snow crab *Brosme brosme*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II u XIV (USK/1214EI)
Il-Ġermanja	6 (1)	
Franza	6 (1)	
Ir-Renju Unit	6 (1)	
Pajjiżi oħrajn	3 (1)	
L-Unjoni	21 (1)	
TAC	21	TAC analitika

(1) Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. L-ebda sajd dirett ma huwa permess taħt din il-kwota.

Speċi: Snow crab *Brosme brosme*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE taż-żona IV (USK/04-C.)
Id-Danimarka	53	
Il-Ġermanja	16	
Franza	37	
L-Isvezja	5	
Ir-Renju Unit	80	
Pajjiżi oħrajn	5 (1)	
L-Unjoni	196	
TAC	196	TAC analitika

(1) Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. L-ebda sajd dirett ma huwa permess taħt din il-kwota.

Speċi: Snow crab *Brosme brosme*		**Zona:** L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII (USK/567EI.)
Il-Ġermanja	4	
Spanja	14	
Franza	172	
L-Irlanda	17	
Ir-Renju Unit	83	
Pajjiżi oħrajn	4 (1)	
L-Unjoni	294	
In-Norveġja	2 923 (2) (3) (4)	
TAC	3 217	TAC analitika Japplika l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament.

(1) Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. L-ebda sajd dirett ma huwa permess taħt din il-kwota
(2) Għandhom jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IV, Vb, VI u VII (USK/*24X7C).
(3) Kondizzjoni speċjali: li minnhom huma awtorizzati qabdiet inċidentali ta' speċijiet oħra ta' 25 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe waqt, fiż-żoni Vb, VI u VII. Madankollu, dan il-perċentwal jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara l-bidu tas-sajd għal xi raġuni speċifika. Il-qabdiet inċidentali totali ta' speċijiet oħra fiż-żoni Vb, VI u VII ma għandhomx jaqbżu 3 000 tunnellati (OTH/*5B67-).
(4) Inkluż il-ling. Il-kwoti għan-Norveġja huma 6 490 tunnellata ling (LIN/*5B67-), 2 923 tunnellata tusk (USK/*5B67-), u jistgħu jitpartu sa 2 000 tunnellata u jistgħu jinqabdu biss bil-konzijiet fiż-żoni Vb, VI u VII.

▼B

Speċi: Snow crab *Brosme brosme*		**Żona:** L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (USK/04-N.)
Il-Belġju	0	
Id-Danimarka	165	
Il-Ġermanja	1	
Franza	0	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	0	
Ir-Renju Unit	4	
L-Unjoni	170	
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

Speċi: Aringa [1] *Clupea harengus*		**Zona:** Iż-żona IIIa (HER/03 A.)
Id-Danimarka	18 912 [2]	
Il-Ġermanja	303 [2]	
L-Isvezja	19 783 [2]	
L-Unjoni	38 998 [2]	
TAC	45 000	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

[1] Il-ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 32 mm jew akbar.
[2] Kondizzjoni speċjali: sa 50 % ta' dan l-ammont jista' jinqabad fl-ilmijiet tal-UE taż-żona IV (HER/*04-C).

▼B

Speċi: Aringa ([1]) *Clupea harengus*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N (HER/4AB.)
Id-Danimarka	64 369	
Il-Ġermanja	41 852	
Franza	21 286	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	53 537	
L-Isvezja	4 120	
Ir-Renju Unit	57 836	
L-Unjoni	243 000	
In-Norveġja	117 450 ([2])	
TAC	405 000	TAC Analitiku. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

([1]) Il-ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 32 mm jew akbar. L-Istati Membri jridu jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tagħhom ta' aringi u jiddistingwu bejn iż-żona IVa (HER/04A.) u IVb (HER/04B.).

([2]) Li minnhom sa 50 000 tunnellata jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IVa u IVb (HER/*4AB-C). Qabdiet li jinqabdu fi ħdan din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.

Kondizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni li ġejjin:

	L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N (HER/*04N-)
L-Unjoni	50 000

Speċi: Aringa ([1]) *Clupea harengus*		**Żona:** L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (HER/04-N.)
L-Isvezja	922 ([1])	
L-Unjoni	922	
TAC	405 000	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

([1]) Il-qabdiet inċidentali tal-merluzz, il-haddock, il-pollakkju u l-merlangu u l-pollakkju (saithe) għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċijiet.

▼B

Speċi: Aringa ([1]) *Clupea harengus*		**Żona:** Il-qabdiet inċidentali fiż-żona IIIa (HER/03A-BC)
Id-Danimarka	5 692	
Il-Ġermanja	51	
L-Isvezja	916	
L-Unjoni	6 659	
TAC	6 659	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

([1]) Il-ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji iżgħar minn 32 mm.

Speċi: Aringa ([1]) *Clupea harengus*		**Żona:** Il-qabdiet inċidentali fiż-żoni IV, VIId u fl-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa (HER/2A47DX)
Il-Belġju	89	
Id-Danimarka	17 134	
Il-Ġermanja	89	
Franza	89	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	89	
L-Isvezja	84	
Ir-Renju Unit	326	
L-Unjoni	17 900	
TAC	17 900	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

([1]) Il-ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji iżgħar minn 32 mm.

▼B

Speċi: Aringa (1) *Clupea harengus*		**Żona:** Iż-żoni IVc, VIId (2) (HER/4CXB7D)
Il-Belġju	8 774 (3)	
Id-Danimarka	882 (3)	
Il-Ġermanja	573 (3)	
Franza	10 871 (3)	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	19 261 (3)	
Ir-Renju Unit	4 189 (3)	
L-Unjoni	44 550	
TAC	405 000	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

(1) Il-ħatt l-art ta' aringi maqbuda f'sajd bl-użu ta' xbieki bid-daqs tal-malji ta' 32 mm jew akbar.
(2) Minbarra l-istokk ta' Blackwater: ir-referenza hija għall-istokk tal-aringi fir-reġjun marittimu tal-estwarju tat-Thames f'żona delimitata minn linja rombu lejn in-Nofsinhar minn Landguard Point (51° 56′ N, 1° 19.1′ E) sal-latitudni 51° 33′ N u minn hemm lejn il-Punent sa punt fuq il-kosta tar-Renju Unit.
(3) Kondizzjoni speċjali: jistgħu jsiru trasferimenti sa 50 % ta' din il-kwota għaż-żona IVb. Madankollu, l-użu ta' din il-kondizzjoni speċjali jrid jiġi nnotifikat bil-quddiem lill-Kummissjoni (HER/*04B.).

Speċi: Aringa *Clupea harengus*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VIb u VIaN (1) (HER/5B6ANB)
Il-Ġermanja	2 486 (2)	
Franza	470 (2)	
L-Irlanda	3 360 (2)	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	2 486 (2)	
Ir-Renju Unit	13 438 (2)	
Mhux allokat	660 (3)	
L-Unjoni	22 900 (2)	
TAC	22 900	TAC analitika

(1) Ir-referenza hija għall-istokk ta' aringi fiż-żona VIa, fit-Tramuntana ta' 56° 00′ N u f'dik il-parti taż-żona VIa li tiġi fil-Lvant ta' 07° 00′ W u fit-Tramuntana ta' 55° 00′ N, eskluż il-Clyde.
(2) Kwota proviżorja skont l-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament.
(3) Kwota mhux allokata skont l-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament.

▼B

Speċi: Merluzz *Gadus morhua*		**Żona:** Is-Skagerrak (COD/03AN.)
Il-Belġju	9 (1)	
Id-Danimarka	3 026 (1)	
Il-Ġermanja	76 (1)	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	19 (1)	
L-Isvezja	530 (1)	
L-Unjoni	3 660	
TAC	3 783	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

(1) Minbarra din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, fi ħdan limitu ġenerali ta' 12 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, bil-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

Speċi: Merluzz *Gadus morhua*		**Żona:** IV; l-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa; dik il-parti taż-żona IIIa li mhijiex koperta mis-Skagerrak u l-Kattegat (COD/2A3AX4)
Il-Belġju	782 (1)	
Id-Danimarka	4 495 (1)	
Il-Ġermanja	2 850 (1)	
Franza	966 (1)	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	2 540 (1)	
L-Isvezja	30 (1)	
Ir-Renju Unit	10 311 (1)	
L-Unjoni	21 974	
In-Norveġja	4 501 (2)	
TAC	26 475	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

(1) Minbarra din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, fi ħdan limitu ġenerali ta' 12 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, bil-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

(2) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE. Qabdiet li jinqabdu fi ħdan din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.

Kondizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni li ġejjin:

	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (COD/*04N-)
L-Unjoni	19 099

▼B

Speċi: Merluzz *Gadus morhua*		**Żona:** L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (COD/04-N.)
L-Isvezja	382 (1)	
L-Unjoni	382	
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

(1) Il-qabdiet inċidentali tal-haddock, il-pollakkju u l-merlangu u l-pollakkju (saithe) għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċijiet.

Speċi: Merluzz *Gadus morhua*		**Żona:** Iż-żona VIId (COD/07D.)
Il-Belġju	66 (1)	
Franza	1 295 (1)	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	39 (1)	
Ir-Renju Unit	143 (1)	
L-Unjoni	1 543	
TAC	1 543	TAC analitika

(1) Minbarra din il-kwota, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ, fi ħdan limitu ġenerali ta' 12 % tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru, bil-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

Speċi: Dab u barbun *Limanda limanda* u *Platichthys flesus*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV (D/F/2AC4-C)
Il-Belġju	503	
Id-Danimarka	1 888	
Il-Ġermanja	2 832	
Franza	196	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	11 421	
L-Isvezja	6	
Ir-Renju Unit	1 588	
L-Unjoni	18 434	
TAC	18 434	TAC ta' prekawzjoni

▼B

Speċi: Petriċa *Lophiidae*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV (ANF/2AC4-C)
Il-Belġju	324 (1)	
Id-Danimarka	714 (1)	
Il-Ġermanja	349 (1)	
Franza	66 (1)	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	245 (1)	
L-Isvezja	8 (1)	
Ir-Renju Unit	7 455 (1)	
L-Unjoni	9 161 (1)	
TAC	9 161	TAC analitika

(1) Kondizzjoni speċjali: li minnhom sa 5 % jistgħu jinqabdu: VI; fl-ilmijiet tal-UE u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV (ANF/*56-14)

Speċi: Petriċa *Lophiidae*		**Żona:** L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (ANF/04-N.)
Il-Belġju	45	
Id-Danimarka	1 152	
Il-Ġermanja	18	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	16	
Ir-Renju Unit	269	
L-Unjoni	1 500	
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

Speċi: Haddock *Melanogrammus aeglefinus*		**Żona:** Iż-żona III, l-ilmijiet tal-UE tas-Subdiviżjonijiet 22 sa 32 (HAD/3A/BCD)
Il-Belġju	11	
Id-Danimarka	1 943	
Il-Ġermanja	123	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	2	
L-Isvezja	229	
L-Unjoni	2 308	
TAC	2 409	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

▼B

Speċi: Haddock *Melanogrammus aeglefinus*		**Żona:** IV; l-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa (HAD/2AC4.)
Il-Belġju	224	
Id-Danimarka	1 539	
Il-Ġermanja	979	
Franza	1 707	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	168	
L-Isvezja	155	
Ir-Renju Unit	25 386	
L-Unjoni	30 158	
In-Norveġja	9 008	
TAC	39 166	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. Japplika l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

Kondizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni li ġejjin:

	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (HAD/*04N-)
L-Unjoni	22 433

Speċi: Haddock *Melanogrammus aeglefinus*		**Żona:** L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (HAD/04-N.)
L-Isvezja	707 ([1])	
L-Unjoni	707	
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

([1]) Il-qabdiet inċidentali tal-merluzz, il-pollakkju u l-merlangu u l-pollakkju (saithe) għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċijiet.

▼B

Speċi: Haddock *Melanogrammus aeglefinus*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIb, XII u XIV (HAD/6B1214)
Il-Belġju	7	
Il-Ġermanja	9	
Franza	364	
L-Irlanda	260	
Ir-Renju Unit	2 660	
L-Unjoni	3 300	
TAC	3 300	TAC analitika

Speċi: Merlangu *Merlangius merlangus*		**Żona:** Iż-żona IIIa (WHG/03A.)
Id-Danimarka	929	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	3	
L-Isvezja	99	
L-Unjoni	1 031	
TAC	1 050	TAC ta' prekawzjoni L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

Speċi: Merlangu *Merlangius merlangus*		**Żona:** IV; l-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa (WHG/2AC4.)
Il-Belġju	337	
Id-Danimarka	1 458	
Il-Ġermanja	379	
Franza	2 191	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	843	
L-Isvezja	3	
Ir-Renju Unit	10 539	
L-Unjoni	15 750	
In-Norveġja	1 306 ([1])	
TAC	17 056	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

([1]) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE. Qabdiet li jinqabdu fi ħdan din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.

Kondizzjoni speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni li ġejjin:

	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IV (WHG/*04N-)
L-Unjoni	10 671

▼B

Speċi: Merlangu u Pollakkju *Merlangius merlangus* u *Pollachius pollachius*		**Żona:** L-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N (W/P/04-N.)
L-Isvezja	190 (1)	
L-Unjoni	190	
TAC	Mhux rilevanti	TAC ta' prekawzjoni. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

(1) Il-qabdiet inċidentali tal-merluzz, haddock u pollakkju (saithe) għandhom jingħaddu mal-kwota għal dawn l-ispeċijiet.

Speċi: Stokkafixx *Micromesistius poutassou*		**Żona:** L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni II u IV (WHB/24-N.)
Id-Danimarka	0	
Ir-Renju Unit	0	
L-Unjoni	0	
TAC	391 000	TAC analitika

Speċi: Stokkafixx *Micromesistius poutassou*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV (WHB/1X14)
Id-Danimarka	9 683 (1) (3)	
Il-Ġermanja	3 765 (1) (3)	
Spanja	8 209 (1) (2) (3)	
Franza	6 738 (1) (3)	
L-Irlanda	7 498 (1) (3)	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	11 807 (1) (3)	
Il-Portugall	763 (1) (2) (3)	
L-Isvezja	2 395 (1) (3)	
Ir-Renju Unit	12 563 (1) (3)	
Mhux allokat	4 500 (4)	
L-Unjoni	63 421 (1) (3)	
In-Norveġja	30 000	
TAC	391 000	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. Japplika l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

(1) Kondizzjoni speċjali: li minnhom sa 68 % jistgħu jinqabdu fiż-Żona Ekonomika tan-Norveġja jew fiż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen (WHB/*NZJM1).
(2) Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota għaż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE taż-żona tas-CECAF 34.1.1. Madankollu, trasferimenti bhal dawn iridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni minn qabel.
(3) Kwota proviżorja skont l-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament.
(4) Kwota mhux allokata skont l-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament

▼B

Speċi: Stokkafixx *Micromesistius poutassou*		**Żona:** Iż-żoni VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE taż-żona tas-CECAF 34.1.1 (WHB/8C3411)
Spanja	8 034	
Il-Portugall	2 009	
L-Unjoni	10 043 (1)	
TAC	391 000	TAC analitika

(1) Kondizzjoni speċjali: li minnhom sa 68 % jistgħu jinqabdu fiż-ŻEE Norveġiża jew fiż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen (WHB/*NZJM2).

Speċi: Stokkafixx *Micromesistius poutassou*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE taż-żoni II, IVa, V, VI fit-Tramuntana ta' 56° 30′N, u VII fil-Punent ta' 12° W (WHB/24A567)
In-Norveġja	64 226 (1) (2)	
TAC	391 000	TAC analitika

(1) Għandhom jinqatgħu mil-limiti tal-qabdiet tan-Norveġja stabbiliti skont l-arranġament tal-Istati Kostali.
(2) Kondizzjoni speċjali: il-qabdiet fiż-żona IV ma għandux ikun aktar minn 20 581 tunnellata jiġifieri 25 % tal-kwota ta' aċċess tan-Norveġja.

Speċi: Lemon sole u witch *Microstomus kitt* u *Glyptocephalus cynoglossus*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV (L/W/2AC4-C)
Il-Belġju	346	
Id-Danimarka	953	
Il-Ġermanja	122	
Franza	261	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	793	
L-Isvezja	11	
Ir-Renju Unit	3 905	
L-Unjoni	6 391	
TAC	6 391	TAC ta' prekawzjoni

▼B

Speċi: Linarda *Molva dypterygia*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VI, VII (BLI/5B67-) (3)
Il-Ġermanja	20 (4)	
L-Estonja	3 (4)	
Spanja	62 (4)	
Franza	1 423 (4)	
L-Irlanda	5 (4)	
Il-Litwanja	1 (4)	
Il-Polonja	1 (4)	
Ir-Renju Unit	362 (4)	
Pajjiżi oħrajn	5 (1) (4)	
Mhux allokat	150 (5)	
L-Unjoni	1 882 (4)	
In-Norveġja	150 (2)	
TAC	2 032	TAC analitika Japplika l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament.

(1) Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. L-ebda sajd dirett ma huwa permess taħt din il-kwota.
(2) Għandhom jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IV, Vb, VI u VII (BLI/*24X7C).
(3) Japplikaw regoli speċjali skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1288/2009 (1) u l-punt 7 tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 43/2009 (2).
(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1288/2009 tas-27 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi miżuri tekniċi transitorji mill-1 ta' Jannar 2010 sat-30 ta' Ġunju 2011 (ĠU L 347, 24.12.2009, p. 6).
(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qabdiet (ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1).
(4) Kwota proviżorja skont l-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament.
(5) Kwota mhux allokata skont l-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament.

Speċi: Lingwata *Molva molva*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II (LIN/1/2.)
Id-Danimarka	8	
Il-Ġermanja	8	
Franza	8	
Ir-Renju Unit	8	
Pajjiżi oħrajn	4 (1)	
L-Unjoni	36	
TAC	36	TAC analitika

(1) Esklussivament għall-qabdiet inċidentali. L-ebda sajd dirett ma huwa permess taħt din il-kwota.

▼B

Speċi: Lingwata *Molva molva*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE taż-żona IV (LIN/04-C.)
Il-Belġju	16	
Id-Danimarka	243	
Il-Ġermanja	150	
Franza	135	
Il-Pajjiżi l-Baxxi	5	
L-Isvezja	10	
Ir-Renju Unit	1 869	
L-Unjoni	2 428	
TAC	2 428	TAC analitika

Speċi: Lingwata *Molva molva*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona V (LIN/05.)
Il-Belġju	9	
Id-Danimarka	6	
Il-Ġermanja	6	
Franza	6	
Ir-Renju Unit	6	
L-Unjoni	33	
TAC	33	TAC ta' prekawzjoni

Speċi: Lingwata *Molva molva*		**Żona:** L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV (LIN/6X14.)
Il-Belġju	29 (3)	
Id-Danimarka	5 (3)	
Il-Ġermanja	107 (3)	
Spanja	2 156 (3)	
Franza	2 299 (3)	
L-Irlanda	576 (3)	
Il-Portugall	5 (3)	
Ir-Renju Unit	2 647 (3)	
Mhux allokat	200 (4)	
L-Unjoni	7 824 (3)	
In-Norveġja	6 140 (1) (2)	
TAC	14 164	TAC analitika Japplika l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament.

